**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA**

**minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (36)

Personaġġ ieħor li ismu bla dubju ta' xejn huwa sinonimu ma' dawk it-tiġrijiet tradizzjonali hu dak ta' Matty Grima, li għal snin twal kien il-president tal-club tar-Regatta ta' Bormla kif ukoll ukoll il-president tal-Assoċjazzjoni tar-Regatta Nazzjonali.

Matty Grima kien imżejjen b'karattru kajman, kien ħabib ta' kulħadd, iżda, fejn tidħol it-tmexxija tal-club tar-Regatta kien sod ħafna fid-deċiżjonijiet li jieħu. Lil Matty jien kellimtu kemm-il darba dwar ir-Regatta Nazzjonali – tradizzjoni u sport li kienet għal qalbu ħafna, u li fiż-żmienu d-distrett ta' Bormla kien fl-aqwa tiegħu.

Ma nistax ngħid li qatt bdejt intervista miegħu u temmejtha, għaliex dejjem sibtu għandu x'jagħmel ħafna u dejjem imdawwar bin-nies, li kienu jfittxuh ħafna, min għal ħaġa u min għal oħra. Madankollu, jien se nipprova ngħaqqad flimkien xi siltiet qosra ħafna, li permezz tagħhom insiru nafu nitfa dwar is-sehem tiegħu fir-Regatta kemm għall-club tiegħu ta' Bormla kif ukoll għar-Regatta in ġenerali. Bdejt biex staqsejtu dwar sehem Bormla wara l-gwerra.



Is-sur Matty Grima wara li ppreżenta kwadru tal-fidda lis-sur John Decoutros sponsor tat-Trofew tar-Regatta fl-1979

"Sfortunatament aħna ma stajniex nieħdu sehem fir-Regatta għaliex la kellna opri u lanqas xatt ... kieku aħna komplejna fejn ħallejna qabel il-Gwerra.

"Qabel il-Gwerra, fis-snin 30, Bormla bħala distrett, kienet tiddomina dawn it-tiġrijiet, tista' tgħid f'kull korsa. Fl-1951, meta l-gvern kien introduċa mill-ġdid ir-Regatta Nazzjonali, kif għedtlek, Bormla la kellha opri tat-tiġrija, għax li kienet tieħu sehem bihom inqerdu bil-bombi tal-Gwerra, u lanqas setgħet tieħu sehem b'dgħajjes ta' sidien privati għax lanqas kellna xatt fejn innizzluhom u fejn stajna nitħarrġu - din kienet is-sitwazzjoni tagħha fl-1951.

"Aħna bdejna nieħdu sehem b'mod organizzat fl-1958, u dan kollu sar bit-tħabbrik ta' numru sabiħ ta' dilettanti Bormliżi, fosthom Karmenu Galea Scannura li f'dak iż-żmien kien il-kaxxier fil-kumitat tar-Regatta - f'dik is-sena mill-ewwel ksibna suċċess għax irbaħna erba' paljijiet u żewġ tazzi ... imbagħad kif taf, fl-aħħar snin tas-snin 60, fis-70 u 80 Bormla kienet qawwa kbira f'dawn it-tiġrijiet.

*Semmejt il-qawwa ta' Bormla fis-snin 30 – xi tgħidli dwar dawn is-snin glorjużi għad-distrett Bormliż?*

"L-istorja titkellem waħidha ... int qed isemmi perijodu tas-snin fejn Bormla kienet tiddomina dawn it-tiġrijiet u l-istorja reġgħet irrepetiet ruħha fis-snin 70 u 80. Biżżejjed wieħed isemmi r-rekord kbir li kienu għamlu Karmenu Grech (tal-Posta) u Pietru Farrugia (it-Tinejt) mill-1922 sal-1936 fid-dgħajjes ta' bi Tnejn, fejn ħadd ma seta' jgħaddihom, ir-rekord li kien għamel il-Kajjikk San Pietru ta' Mikiel Ciantar (Bilonju) li wkoll kien għamel snin jirbaħ il-palju tal-Kajjikki (it-twal) meta kemm l-Isla u l-Birgu kienu armati tajjeb f'din il-korsa, fl-1933 meta Bormla rebħet il-paljijiet kollha kif ukoll il-Ġostra ... għal Bormla, is-snin 30 kienu snin ta' ġlorja, fejn il-qaddiefa Bormliżi għollew ġieħ belthom b'rebħ ta' paljijiet f'din id-drawwa antika li mill-bidu tagħha kienet għall-qalb ħafna l-poplu tagħha.

"Fil-preżent, Bormla qed tiddomina dawn it-tiġrijiet għaliex għandha l-aħjar qaddiefa tal-kanal."

*Illum int qed tokkupa l-presidenza kemm tal-club Bormliż kif ukoll tar-Regatta Association. Ġie li ġejt f'sitwazzjoni fejn bħala president tal-Assoċjazzjoni tar-Regatta kellek tieħu jew ħadt xi deċiżjoni li biha effettwat ħażin lill-club ta' Bormla?*

"Le ma niftakarx li qatt ġara dan, għaliex f'kull deċiżjoni tal-Association jittieħed bil-vot tad-delegati tad-distretti, u rari ħafna fejn id-deċiżjoni tkun tiddependi fuq il-vot jew il-fehma taċ-chairman.

"Barra minn hekk, id-delegati tal-clubs li jifformaw l-Assocjazzjoni tar-Regatta, f'dawn il-laqgħat, jinsew id-differenzi ta' bejniethom, u jfittxu biss li jsir titjib fir-Regatta Nazzjonali.

"Bħala president tal-Association, jien dejjem tlabt lid-delegati tal-clubs biex iressqu s-suġġerimenti tagħhom, u dejjem tajthom iċ-ċans u l-ħin biex jesprimu u jitkellmu dwar l-ideat tagħhom. Fuq kollox, aħna konna niltaqgħu b'mod regolari u l-iskop ta' dawn il-laqgħat kien biss biex inkomplu ntejbu u nsaħħu r-Regatta Nazzjonali u nżommuha ħajja fost il-poplu tagħna…

*Jekk m'iniex sejjer żball fl-1977 int kont irreżinjat minn President tal-club tal-Bormla.... x'kienet ir-raġuni?*

"F'dik l-edizzjoni kienet inqagħlet kwistjoni kbira wara li tħabbar ir-riżultat tad-dgħajjes tal-Midalji.

"Kienet kwistjoni fuq min kien daħal l-ewwel bejn il-Marsa u l-Kalkara – kienet kwistjoni bejn żewġ distretti li t-tnejn bdew isostnu li d-dgħajsa tagħhom qabżet il-linja l-ewwel.

"Aħna ma kellna x'naqsmu xejn fiha, kif lanqas kellhom x'jaqsmu l-Birgu. Wara li tħabbar dan ir-riżultat il-Kalkara rtiraw mir-Regatta, u magħhom, bla ma kien mistenni, irtiraw Bormla u l-Birgu.

"Jien ma qbiltx ma' din id-deċiżjoni għax jien ħassejt li aħna ma kellniex raġuni valida li nirtiraw mit-tiġrija, u għalhekk insistejt li nkomplu nieħdu sehem fit-tiġrijiet l-oħra - tal-istess fehma tiegħi kien ukoll Nazju Grima li kien il-president tal-club tal-Birgu. Din kienet ir-raġuni ewlenija li rriżenjajt minn president tal-club, kif fil-fatt għamel ukoll Nazju Grima.

*Jien niftakar tajjeb l-entużjażmu kbir tal-partitarji avversarji li kienu joħolqu waqt dawn it-tiġrijijiet fis-snin 60 u 70, u bix-xewqa tagħhom li l-Assoċjazzjoni Regatta torganizza tiġrijiet tad-dgħajjes oħra fil-Port il-Kbir. Din ix-xewqa seħħet fl-1979 bl-introduzzjoni ta' Regatta oħra Jum il-Ħelsien … xi tgħidli dwar din it-tiġrija?*

"Aħna bħala Assoċjazzjoni tar-Regatta konna ilna nħossu li kien wasal iż-żmien li nintroduċu tiġrija oħra tad-dgħajjes fil-Port il-Kbir - kien minħabba din ir-raġuni li l-isem tal-Assocjazzjoni tar-Regatta wara nbidel f'Regatta ta' Settembru u Qdif Ieħor bit-tama li 'l quddiem nintroduċu xi tiġrija oħra.

"Minkejja li Regatta oħra barra dik ta' Settembru kienet dejjem fuq aġenda tagħna u ġie li ddiskutejniha fil-laqgħat tagħna, konna nafu li kienet diffiċli ħafna minħabba l-ispejjeż kbar li jinvolvu dawn it-tiġrijiet li kien jinħarġu mill-gvern.

"Fortunatament, din ix-xewqa tagħna seħħet bl-introduzzjoni ta' tiġrija oħra fil-Jum Nazzjonali tal-31 ta' Marzu 1979. Fil-fatt kienet xewqa tal-Perit Mintoff li f'dan il-Jum storiku għall-Gżejjer tagħna ssir Regatta tad-dgħajjes, u minkejja l-ewwel edizzjoni tagħha tal-1979 saret tard filgħaxija, f'temp xitwi, in-nies ħadet pjaċir biha.

"Kif taf, din it-tiġrija li hi marbuta storikament mal-Jum Nazzjonali tal-31 ta' Marzu - oriġinalment saret bil-ħsieb li fiha jipparteċipaw qaddiefa ġodda li aktar 'il quddiem isibu posthom fir-Regatta tat-8 ta' Settembru… jien nittama li din it-tiġrija tibqa' ssir u n-nies tibqa' tattendi bi ħġarha għaliha."